TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 219/14/F

**Darren Muscat**
**vs**
**Touch Wood Furniture**

Illum 5 ta' Mejju, 2015

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fil-21 t'Ottubru, 2014 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' mitejn ewro (€200), rappreżentanti l-prezz ta' ħsarat f'żewġ bibien minn ammont ta' ħamsa.

Is-soċjeta' ntimata ma ppreżentatx risposta bil-miktub għal din it-talba fi żmien 18 il-jum minn meta ġiet notifikata bl-avviż tat-talba, u attendiet għas-seduta wara illi n-notifika tal-Avviż saret bl-Affissjoni u fuq Gazzetta Lokali u fuq Gazzetta tal-Gvern fuq talba tar-rikorrenti.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huma rappreżentanit tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien ordna sett ta' bibien mingħand is-soċjeta' ntimata u żewġ bibien minnhom kellhom il-problemi billi l-ħġieġ li kien imwaħħal fuqhom beda jiddilamina, beda jkollhom *fading effect* fuq il-ħġieġ, u għalhekk qed jitlob mitejn ewro (€200) bħala danni wara stima.

L-intimat issottometta li mhux responsabbli għall-ħġieġ peress li kien għamel *subcontracting* tal-ħġieġ u xtrah mingħand xi ħaddieħor.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jinnota r-relazzjoni ġuridika, u l-ordni saret bejn ir-rikorrenti u l-intimat, u x-xogħol tal-intimat hu li jikkonsenja prodott tajjeb. Illi jirriżulta li l-ħġieġ beda jiffejdja u għalhekk ir-responsabbilta' hija tal-intimat.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas l-ammont ta' mitejn ewro (€200), u bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**